# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 307/2018/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Wayne Gatt**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Wayne Gatt**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 189798(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fil-25 ta' Jannar 2018 għall-ħabta tal-ħamsa u ħames minuti ta' wara nofsinhar (17:05hrs) fi Vjal Millbrae, Mosta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Peter Paul Aquilina detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 109159(M), skont kif iċċertifikat t-Tabib Marilyn Baldacchino MD (Numru

tar-Reġ. 3556), miċ-Ċentru tas-Saħħa Mosta, *ai termini* ta' Artikoli 214 u 216 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u ċioè għamel ħsara fuq vettura tal-għamla VW Golf, bin-numri tar-reġistrazzjoni EBA 458, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro iżda iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Peter Paul Aquilina detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 109159(M), *ai termini* ta' Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, *ai termini* ta' Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, *ai termini* ta' Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli timponi piena skont il-liġi, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu liċenzja tas-sewqan.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, *ai termini* ta' Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 216, 325, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta

sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u għar-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ikkundannatu piena kumplessiva ta' priġunerija ta' sena li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġiet sospiża għal żmien sentejn (2) minn dakinhar tas-sentenza, għar-rigward it-tielet imputazzjoni multa ta' ħames mitt Euro (€500) kif ukoll skwalifika milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ħames (5) xhur u għar-rigward ir-raba' imputazzjoni multa ta' mija u sittax il-Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47). L-Ewwel Qorti, *a tenur* ta' Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabilita' tiegħu taħt Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv tas-sentenza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti wara li rat Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt (mus ta' kulur iswed eżebit bħala Dok "CX 3"). In vista tal-fatt li ma kienux ġew maħtura esperti fil-każ, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza li fiha l-esponenti nstab ħati tal-akkużi dedotti kontrih u konsegwentement fejn l-esponenti ġie kkundannat piena hawn imsemmija, u minflok tgħaddi sabiex tilliberah minn kull ħtija u piena, jew alternattivament sabiex tvarja l-piena erogata għal waħda li tkun aktar ekwa u ġusta tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti b'numru ta' imputazzjonijiet relatati ma' dak li seħħ dakinhar tal-25 ta' Jannar 2018 fi Vjal Millbrae Mosta meta huwa kien qed isuq il-vettura tiegħu u fl-istess waqt kien hemm ukoll il-*parte civile* Aquilina li kien qed isuq il-vettura tiegħu. Skont il-*parte civile*, l-appellant kien qed irassas il-vettura miegħu u wara li qabżu, tah daqqa bil-vettura tiegħu għall-ġewwa l-bieba tiegħu u meta niżel mill-vettura, l-appellant tah daqqtejn. Da parte tiegħu, l-appellant isostni li meta gie ma' *roundabout*, ra li ma kien ġej ħadd u ħareġ minn postu u hekk kif għamel dan ġiet il-vettura tal-*parte civile* minn warajh iddoqq il-*horn*, hu (l-appellant) baqa' jsuq fid-dritt u f'daqqa waħda l-vettura tal-*parte civile* ppruvat taqbżu minn ġewwa minħabba li t-triq hija kemmxejn wiesgħa, f'liema ħin hu baqa' jsuq biex jipprova jevita lill-*parte civile* iżda l-*parte civile* beda jiġi eżatt miegħu minn naħa tax-xellug. Ikompli jgħid li tant il-*parte civile* ma ħalliehx isuq liberament li hu (l-appellant) spiċċa biex kellu jidħol fil-karreġġjata opposta u sabiex jevita kolliżjoni ma' vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta, infixel u saq għal ġol-vettura tal-*parte civile*.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq żewġ aggravji. L-ewwel aggravju huwa dwar apprezzament tal-fatti u t-tieni aggravju huwa dwar il-piena.

Illi huwa prinċipju ormai stabilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konkluzjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata

mill-Ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni.[1]

Illi minkejja li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet konfliġġenti u minkejja li kunflitt fil-provi għandu jmur a benefiċċju tal-imputat, pero' fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997, din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi l-Qorti tagħmel ukoll riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** (Numru 128/2002) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat x'jiġri meta Ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u ċioé jistgħu jiġru żewġ affarijiet u ċioè jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (Numru 436/2009) mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet:
>
> *"... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006).""[2]

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistrieħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech**, 17 ta' Settembru 2012; **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali**, 24 ta' Jannar 2013; **Il-Pulizija vs. Mario Pace**, 6 ta' Frar 2013; **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt**, 11 ta' Lulju 2013.

ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-ewwel li kellu jiġu meqjus kien id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident u li għalkemm l-Ewwel Qorti kienet korretta li tiddeskrivi l-inċident in kwistjoni bħala każ ta' *road rage*, hija żbaljat meta qieset li dan kien *road rage* attriwibbli lilu. Jgħid li l-fatti kollha kif ġraw juru li l-*parte civile* ħassu aggravat bil-fatt illi skont hu, huwa kellu jistennih jiskorri r-*roundabout* qabel ma joħroġ għal fuqha, minflok ma għamel kif għamel u ċioè ra li seta' joħroġ minkejja li l-*parte civile* kien qiegħed madwar tliet vetturi 'l bogħod u ma riedx iħallih (lill-appellant) b'xejn u għal xi raġuni ħass li kellu jieħu l-punta lura billi jipprova jsuq quddiemu.

Illi din il-Qorti eżaminat bir-reqqa kollha l-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż ix-xiehda mogħtija mill-appellant u mill-*parte civile*. Jirriżulta li ż-żewġ partijiet kienu konxji ta' xulxin għaliex it-tnejn li huma xehdu b'mod estensiv u spjegaw is-sewqan tagħhom dak il-jum. Il-*parte civile* jgħid li hekk kif kien dar kważi nofs ir-*roundabout* ġiet fuqu l-vettura tal-appellant b'ċertu veloċita' minn naħa tat-triq li tagħti għal Ta' Qali u wara li kien saq numru ta' metri, l-istess vettura rassitu u baqgħet dieħla fil-ġenb tal-vettura u jiddeskrivi d-daqqa bħala b'saħħitha u hekk kif appena xiref 'il barra mill-vettura, ġie fuqu l-appellant u tah tlitt daqqiet ta' ponn. Minn naħa l-oħra, l-appellant jgħid li l-*parte civile* ħoloqlu emerġenza subitanea u kien minħabba f'hekk li seħħ l-impatt bejn iż-żewġ vetturi u jgħid ukoll li wara li seħħ l-impatt, hu ħareġ mill-vettura u mar ħdejn il-*parte civile* u ra li kien fetaħ il-bieba tal-vettura għal fuqu u hu (l-appellant) għalaqlu l-bieba lura. L-appellant innega li hu kien ta xi daqqiet ta' ponn u nsista li mbotta l-bieba tal-*parte civile* lura biex jiddefendi ruħu.

Illi din il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti f'paġna 13 tas-sentenza tagħha (*a fol.* 195) fejn iċċensurat l-aġir tal-konsulent legali tal-*parte civile* wara li ntalab li jerġa' jixhed il-*parte*

*civile* u ġie mħolli jagħmel hekk. Fil-verbal tas-seduta ta' meta reġa' xehed il-*parte civile* Aquilina, eżatt wara li ġie mniżżel li kien xehed il-*parte civile*, ġie mniżżel hekk fil-verbal: *"Il-Qorti għadha kemm osservat minkejja diversi ċensuri lill-avukat difensur tal-parte civile sabiex ma jinfluenzax u jgħid lix-xhud x'għandu jixhed, pespislu f'widnejh dwar suġġerimenti kif għandu jixhed u dan wara li l-Qorti ripetutament wissiet lill-avukat difensur li bl-ebda mod ma jista' a priori jissuġġerixxi lix-xhud kif għandu jixhed"* (*a fol.* 114). Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll dak li ngħad mill-konsulent legali tal-*parte civile* f'dan ir-rigward f'Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 219 *et seq.*) ippreżentata minnu fit-3 ta' Frar 2023. Da parte tiegħu, il-konsulent legali tal-appellant jisħaq li dan juri problema serja ta' kredibilita' f'dak li qal il-*parte civile*.

Illi minkejja dak li ngħad hawn fuq, bħal l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tqisx il-verżjoni mogħtija mill-appellant bħala waħda verosimili u dana peress li minn imkien ma jirriżulta li l-*parte civile* ġarrab ġrieħi b'bieba ta' vettura jew li ġarrab id-daqqa fuq wiċċu mertu tal-impatt. Il-Qorti tgħid dan wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċertifikat mediku (Dok. "CX 2" – *a fol.* 24) li ġie rilaxxat u kkonfermat minn Dr. Marilyn Baldacchino.

Illi fir-rigward tal-verżjonijiet li jirriżultaw fl-atti proċesswali fir-rigward ta' kif seħħ l-impatt bejn iż-żewġ vetturi, il-Qorti hija tal-fehma li jidher biċ-ċar li l-vettura tal-appellant kienet qed tross dik tal-*parte civile* b'konsegwenza ta' liema l-vettura tal-*parte civile* soffriet ħsara fil-ġenb u fil-bieba tax-xufier. Apparti minn dan, ma hemmx dubju li l-vettura tal-*parte civile* soffriet ħsara u li għab-bażi tal-provi u dokumenti li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti u li hija tagħmel riferenza għalihom fis-sentenza tagħha, hija setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

B'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. L-istess jingħad fir-rigward tar-raba' imputazzjoni u dana tenut kont tal-fatt li l-Prosekuzzjoni eżebiet mus ta' kulur iswed u li ġie mmarkat bħala Dok. "CX 3". L-Ewwel Qorti rat u eżaminat dan il-mus fejn irriżultalha li x-xafra

hija fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-liġi u b'hekk ikkonkludiet li r-reat ġie ppruvat. Din il-Qorti ma għandhiex raġuni għalfejn tiddipartixxi minn din il-konklużjoni wara li rat l-istess mus.

Għaldaqstant isegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. B'hekk isegwi li l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva u dana tenut kont tal-fatt li hu għandu fedina penali netta u kien għadu ta' eta' tenera meta seħħ l-akkadut. Jilmenta wkoll fir-rigward tal-perjodu taż-żmien li ġiet sospiża lilu l-liċenzja tas-sewqan. Jgħid li kien hemm inċidenti oħra li kellhom konsegwenzi aktar serji minn dak odjern u jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi u jgħid li l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan fihom kienet għal minimu u ċioè tliet xhur.

Illi filwaqt li l-Qorti ma tara xejn ċensurabbli fil-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni fejn imponiet sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema ġie sospiż u fejn imponiet multi fir-rigward tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, fir-rigward tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan il-Qorti hija tal-fehma li għandha tvarja ftit il-perjodu ta' skwalifika minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn taħt.

Illi l-Qorti ma tara xejn ċensurabbli fir-rigward tat-terminu ta' priġunerija li ġie sospiż u l-multi tenut kont tan-natura tar-reati li l-appellant instab ħati tagħhom u dana minkejja li kien ta' eta' żgħira u kellu (u għad għandu) fedina penali nadifa, b'dan illi huwa għandu jifhem li dak li għamel kien ħażin u seta' jwassal għal konsegwenzi ferm u ferm aktar serji. Biex tkun ċara, il-Qorti tinnota li b'dan l-aħħar kumment tagħha hija mhijiex qed tgħid li dan il-każ ma kienx wieħed serju. Fir-rigward tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan, il-Qorti aktar 'il fuq qalet li ser tvarja bi ftit il-perjodu ta' skwalifika u dana meħud in konsiderazzjoni dak li

tirrikjedi l-liġi f'dawn iċ-ċirkostanzi u l-bqija tal-piena erogata fil-konfront tal-appellant mill-Ewwel Qorti li din il-Qorti ser tikkonferma. Din il-Qorti ser tordna li l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant tkun għal perjodu ta' erba' xhur.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte* u għalhekk tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih;

- tħassar biss is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-iskwalifika milli l-appellant ikollu jew milli jikseb l-liċenzja tas-sewqan għal żmien ħames (5) xhur b'dan illi l-iskwalifika msemmija tkun għal żmien erba' (4) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' għada filgħodu;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**